KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 458 (9-1)

L-Erbgħa 3 ta' Lulju fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Ryan Cachia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-Kunsillier Julian Borg ipreseda l-laqgħa bħala l-Kunsillier anzjan kif stipulat fl-Att 363 Artiklu 2.

**458.1** Introduzzjoni

Il-Kunsillier Julian Borg, għamel diskors ta' introduzzjoni għal bidu tad-disa' leġislatura. Huwa rringrazzja lil kull Kunsillier li kien parti mill-Kunsill preċedenti, lil min ma reġax ikkontesta, u lil min ikkontesta u ma ġiex elett. Il-Kunsillier Borg awgura wkoll lill-membri eletti biex flimkien jaħdmu għal ġid tal-lokal u r-residenti, kif inhu xieraq.

Il-Kunsillier Julian Borg talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti spjega tal-proċedura li sa ssir f'din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega skond Att 363 Artiklu 25.

**458.2** Ħatra tas-Sindku

Is-Segretarju Eżekuttiv stieden lill-Kunsillier Julian Borg bħala "*l-Kunsillier elett li kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet kiseb il-maġġoranza assoluta ta' kunsillieri*", jikkonferma l-aċċettazjoni tal-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

**458.3** Aċċettazzjoni tal-kariga tas-Sindku

Il-Kunsillier Borg qara l-ittra ta' aċċettazjoni u preżentaha lis-Segretarju Eżekuttiv.

**458.4** Għoti tal-Ġurament tas-Sindku

Fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Sandra Sladden, il-Kunsillier Julian Borg ħa l-ġurament tal-kariga ta' Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv b'mod simboliku għaddiet l-Insinja lis-Sindku.

Is-Sindku Julian Borg kompla jippresiedi l-laqgħa.

**458.5** Ħatra tal-Viċi Sindku

Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Ryan Cachia bħala l-Kunsillier elett li kiseb minbarra s-Sindku, l-ogħla għadd ta' voti, jikkonferma l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi-Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

**458.6** Aċċettazzjoni tal-kariga tal-Viċi Sindku

Il-Kunsillier Ryan Cachia qara l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga u preżentaha lis-Segretarju Eżekuttiv.

**458.7** Għoti tal-Ġurament tal-Viċi Sindku

Fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Sandra Sladden, il-Kunsillier Ryan Cachia ħa l-ġurament tal-kariga ta' Viċi-Sindku.

Il-Viċi-Sindku għamel diskors tal-okkażjoni.

Is-Sindku għamel diskors tal-okkazjoni.

**458.8 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-7.15pm. Is-Sindku propona l-laqgħa li jmiss għal nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2024 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 8 ta' Lulju 2024

| | |
|---|---|
| Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |